# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Settembru 2016**

**Numru 6**

**Citazzjoni Numru 247/94 RCP**

**Peter Axisa bhala direttur ghan-nom u**
**in rapprezentanza tas-socjetà Jax Limited**

**v.**

**Joseph Debono**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur nomine ippremetta hekk:

> "1. Peress illi l-konvenut ordna xoghol minghand is-socjetà attrici fuq erba' vetturi tieghu liema xoghol gie esegwit mill-attur *nomine* u dan baqaghlu jhallas lill-attur *nomine* s-somma ta' elfejn u sitt mitt lira u tletin centezmu (Lm2,600.30) Maltin li ghalkemm gie interpellat ihallas baqa' inadempjenti, u meta l-konvenut mar jipprova l-vettura tieghu RollsRoyce, wara li l-attur *nomine* kien lesta x-xoghlijiet fuqha, dan flok mar lura fil-garage tal-attur *nomine*, biex jipprezenta l-*complaints* li seta' forsi

potenzjalment kellu u jew ihallas dejnu u jibqa' sejjer biha, minflok ma dahalx lura fil-*garage* u baqa' sejjer b'kollox u wara li gie mitlub ihallas, beda jgib hafna skuzi dwar ix-xoghol li sar fuqha.

"2. U peress illi dan id-debitu huwa cert likwidu u dovut u fl-opinjoni tal-attur il-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghti u ghalhekk il-kawza tista' tigi deciza *ai termini* tal-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili.

"3. Jghid illi ghalhekk il-konvenut ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex: (1) taqta' u tiddeciedi l-kawza *ai termini* tal-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili u cioe` bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza u (2) tikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' Lm2,600.30 rappresentanti l-bilanc minn somma akbar ghal xoghol li l-attur *nomine* ghamel u esegwixxa fl-interess u fuq istruzzjonijiet tal-konvenut fuq il-vetturi tieghu – kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legalli mid-data tal-pagament u bl-ispejjes komprizi dawk ta' erba' ittri legali kontra l-konvenut li minn issa jibqa' ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa:

"1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt billi l-konvenut ma ghandu jaghti xejn lill-attur *noe* ghaliex l-attur *nomine* ga thallas bil-quddiem tax-xoghol kollu li kellu jaghmel, liema xoghol sar hazin u mhux skont l-arti u s-sengha kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u l-konvenut qed jipprevalixxi ruhu minn din il-kawza biex jiddeduci l-kontro-talba tieghu.

"2. Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat il-kontro talba tal-konvenut li in forza taghha ippremetta:

"Illi l-attur *nomine* esegwixxa xoghol fuq il-karozza RollsRoyce numru A-0028 fuq inkarigu tal-konvenut, liema xoghol huwa difettus, u sar hazin u mhux skont l-arti u s-sengha, hemm partijiet neqsin u l-karrozza giet konsenjata lill-konvenut mill-attur *noe* fi stat ta' riparazzjoni aghar minn meta giet konsenjata *noe*;

"Illi minhabba dan ix-xoghol hazin u minhabba d-dewmien li l-karrozza damet ghand l-attur *noe* ghal kwazi sentejn u nofs u cioe` mis-6 ta' Marzu 1991, meta l-attur *noe* kiteb lill-konvenut li ser jibda x-xoghlijiet sat-2 ta' Settembru 1993, meta l-attur *noe* kkonsenja l-istess karrozza lill-konvenut,

l-istess konvenut sofra danni konsiderevoli inkluz ghat-telf ta' uzu tal-istess karozza kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

"Illi l-attur *noe* gie mitlub diversi drabi biex jaddivjeni ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-konvenut kif qabel spjegat, anke permezz ta' ittra ufficjali tas-16 ta' Settembru 1993, izda l-attur *noe* baqa' inadempjenti.

"Jghid ghalhekk l-attur *noe* ghaliex ghar-ragunijiet premessi m' ghandhiex din il-Qorti.

"1. Tiddikjara u tiddeciedi illi x-xoghlijiet maghmula u esegwiti mill-attar *noe* fil-karrozza RollsRoyce numru A-0028 huma difettusi u ma sarux skont l-arti u s-sengha u anke hemm xi partijiet neqsin.

"2. Tiddeciedi u tiddikjara lill-attur *noe* responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-konvenut minhabba xoghol difettuz u mhux skont l-arti u s-sengha minnu maghmul fuq il-karrozza tal-konvenut, kif ukoll ghal telf ta' uzu tal-istess karozza da parti tal-konvenut bhala rizultat tad-detenzjoni tal-imsemmija karrozza mis-6 ta' Marzu 1991 sat-2 ta' Settembru 1993 kif qabel spjegat.

"3. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-konvenut kif qabel imsemmi jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi.

"4. Tikkundanna lill-attur *noe* jhallas lill-konvenut, is-somma hekk likwidata bl-interessi kummercjali.

"Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Settemnbru 1993 kontra l-attur *noe* li huwa ingunt minn issa ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur nomine fejn eccepixxa:

"1. Illi t-talbiet rikonvenzjonali in kwantu huma diretti kontra is-socjeta` attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-esponenti *nomine* ma kienu b'ebda mod traskurati u jew neglegenti kif allegat mill-konvenut.

"2. Illi *in ogni caso* l-premessi tal-kontro-talba tal-konvenut tant huma vaghi li l-attur *nomine* mhux f'qaghda li jirrispondi dettaljament ghal dak allegat mill-konvenut u ghalhekk jirriserva li jirrispondi f'aktar dettal meta jkun il-waqt.

"3. Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fis-27 ta' Ottubru 2011 li waslet ghad-decizjoni taghha, a bazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

"**II. KONSIDERAZZJONIJIET**

"Illi fil-kawza *in disamina* l-konvenut ta kuntratt ta' appalt lis-socjeta' attrici ghal xoghlijiet ben definiti. Fil-kawza **"Pierre Darmanin vs Moira u Christopher konjugi Agius"** (6 ta' Ottubru, 2004) l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell qalet illi:-

> *"Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti. "L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria" (**Kollez Vol XXVII pI p373**). Dan fis-sens li hu 'ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu' (**Kollez Vol XL pI p485**)'*;

"Illi principju iehor fil-kuntratti ta' appalt, huwa li kuntrattur qabel ma jindahal ghal bicca xoghol ghandu jkollu l-kapacita' teknika mehtiega (**"Amal Alumunium Works Limited vs Carmel Ebejer"** P.A. (RCP) – 26 ta' Marzu 2009) u **"Biagio Muscat vs Anthony Falzon et"** A.I.C. (PS) - 12 ta' Mejju, 2003). Huwa ghandu jiggarantixxi l-bonta' tax-xoghol tieghu u jekk jaghmel ix-xoghol hazin lanqas ma hu eskluz mir-responsabbilta` minhabba l-fatt illi hu kien qieghed ghal dak illi ried il-kommittent u jibqa' responsabbli l-istess jekk qabel ma beda x-xoghol kien jista` jkun jaf li fil-materjal illi fuqha kien ser jahdem kien hemm xi mankament u ghalhekk ix-xoghol kien inutli.

"Illi inghad ukoll li meta l-appaltatur ma jottemprax ruhu mal-ftehim, jigifieri illi x-xoghol jigi mwettaq mhux skont l-arti u s-sengha mhuwiex intitolat ghall-hlas. (**"Vella vs Bugeja"** A.I.C. (PS) - 3 ta' Frar, 2003; **"Borg vs Buttigieg de Piro"** P.A. - 13 ta' Jannar, 1995; **"Mark Spiteri noe vs David Connaughway noe"** P.A - 6 ta' Marzu, 1998; u "John Bonnici noe et vs Anthony Sammut" A. C. - 22 ta' Gunju, 1994).

> *"E` dovere dell'appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrarii alle buone regole dell'arte" (**Kollez Vol XXV pI p727**). L-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lill-appaltant opra sodisfacenti, u ma jistax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax hu ghamlu kif ried il-kommittent, billi*

> *l-appaltatur hu obbligat jirrezisti ghal kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent" (**Kollez. Vol XLII p.ii p1003**).*

"Illi huwa pacifiku ukoll illi l-hlas tal-prezz tal-appalt jew il-hlas akkont ma jfissrux necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan fil-fatt jirrizulta difettuz (**Kollez. Vol XLI pII p892**);

"Illi issa fil-kaz prezenti jirrizulta li socjeta' attrici kellha taghmel u dan jirrizulta mill-ftehim esebit bhala Dok. "JAX 1" (fol. 108) li kien jinkludi *body work* fejn kellha tigi moghtija *spray* gdid il-karozza etc, *mechanical* – li kien jinkludi li jigu ccekjati l-breakijiet, *handbrake,* etc u wkoll li ssir tappizzerija gdida u x-xoghol kollu indikat fl-istess skrittura li gie iffirmata mill-partijiet fil-kawza. Jinghad fl-istess skrittura li *"Car to be completed by the end of June",* izda dwar l-istess hemm indikat li:-

> *"Any date given for the completion of a particular job is only indicative and JAX Limited cannot hold themselves liable for any damage which the client might suffer of any delay due to circumstances beyond JAX Limited's control".*

"Illi jirrizulta li nhareg kont fuq ix-xogholijiet elenkati fl-*invoice* datata 20 ta' Frar 1991 fejn jirrizulta li l-ammont bilancjali mitlub kien ta' Lm2,499, minn fejn jidher li l-ikbar spiza kienet fuq ix-xoghol konsistenti f'dak ta' *panel beating u spray* (Lm1,000), *replacing of headlining* (Lm400), *re-upholster leather seats* (Lm1,500), *replacing of hood* (Lm1,200) fil-waqt li ghall xoghol mekkaniku *("mechanical")* l-ispiza kienet ta' Lm50, u ghal xoghol ndikat bhala *"electrical"* din kienet ta' Lm120. Jirrizulta li x-xoghol addizzjonali, allura mhux rifless fl-iskrittura ffirmata kien dak ta' *"replacing of hood".*

"Illi jidher li l-konvenut kien wara ilmenta biss fuq erba' punti elenkati minn Peter Axisa fis-seduta tat-13 ta' Lulju 1994 li ghalihom l-istess konvenut ta risposta, li x-xhud kien dispost li jara ghaliex kienu skont huwa affarijiet zghar, izda minkejja dan il-konvenut ha l-karozza mieghu u allura ovvjament dan ma setghax issir.

"Illi jirrizulta li l-karozza damet ghand is-socjeta' attrici xi sentejn, izda jidher li dan kien dovut fl-ewwel lok ghall-fatt li kien hemm diffikulta` sabiex tinstab tappezzerija li toghogob lill-konvenut, tant li huwa stess ipprova jsibha anke minghand id-ditta "Rolls Royce", izda din kienet gholja hafna (£16,000) u allura s-socjeta' attrici kellha tistenna sabiex isiru dawn il-verifiki, u l-konvenut jaghzel il-materjal; certu xoghol ma setax isir minhabba l-istess; kien hemm problemi sabiex sabu irkaptu t-twieqi tal-elettriku ghaliex kienu jahdmu fiz-zewg stadji; meta ix-xhud kellu jitkellem mal-konvenut sabiex jikkonsulta fuq ix-xoghol hafna drabi dan kien imsiefer; u inghad ukoll li l-konvenut qatt ma lmenta fuq id-dewmien, hlief fl-ahhar ghaliex ried isiefer bil-karozza (xhieda 3 ta' Novembru 1994 – fol. 74).

"Illi jidher li inzammu zewg accessi mill-perit tekniku u gew innotati n-nuqqasijiet hemm elenkati fl-access tat-3 ta' Novembru 1994 (fol. 74) u dak tad-9 ta' Novembru 2004 (fol. 75). Jirrizulta li kien sar ftehim fil-mori tal-kawza sabiex is-socjeta' attrici tirranga l-*breaks* (27 ta' Jannar 2005 – fol. 78) u jirrizulta wkoll li fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2005 gie verbalizzat (fol. 80) li:-

> *"B'referenza ghall-verbal tas-seduta precedenti, l-konvenut jiddikjara li ha konsenja tal-vettura in kwistjoni a sodissfazzjon tieghu, hlief li jitlob lill-Perit Tekniku jaghmel rapport dwar xogholijiet li saru that is-sorveljanza tieghu u dak li rrizulta minn dawn ix-xogholijiet. Dottor Schembri ghall-attur nomine ma jopponix ghat-talba tal-konvenut sabiex ir-rapport tal-istess Perit Tekniku jinkorpora fih dak li semma l-istess konvenut"*

"Illi skont rapport tal-perit tekniku datat 26 ta' Mejju 2005 (fol. 159 sa fol. 203) jirrizulta konfermat li kien sar ftehim bejn il-partijiet sabiex jigu rrangati mill-attur *nomine "d-difetti li l-esponent* (il-perit tekniku) *kien irriskontra fl-accessi mizmuma"* u fl-istess rapport jinghad li inzamm access fl-Marzu 2005 u *"waqt dan l-access il-konvenut wera' u kkonferma quddiem l-esponenti perit tekniku li ix-xogholijiet kollha kienu gew esegwieti mill-attur u dan a sodisfazzjon tal-partijiet kollha. Hem mil-konvenut ha lura lill-imsemmija vettura".* Jirrizulta li wara kien hemm ukoll xi ilment fuq is-suspension, izda l-perit tekniku kkonkluda li *"tali hsara fis-suspension ma hijiex dovuta ghal nuqqas ta' xogholijiet jew mhux skont is-sengha u l-arti da parte tal-attur…".* Illi f'paragrafu 7 tal-konkluzzjonijiet tal-istess rapport tekniku jirrizulta li l-perit tekniku kkonferma li x-xogholijiet kollha lamentati li qajjem il-konvenut gew irrangati (fol. 187) u allura din il-Qorti thoss li fuq dan l-istat tal-provi l-ilmenti dwar li x-xoghol sar hazin u mhux skont is-sengha u l-arti, gew hekk solvuti u allura tali eccezzjoni ma ghaddiex treggi. Dan gie kkonfermat mill-Perit Tekniku nnifsu fis-seduta quddiem din il-Qorti tas-26 ta' Ottubru 2006 (fol. 233 sa 245) u din il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghaliex ghandha ma taddottax l-istess rapport tekniku.

"Illi jigi nnutat li l-entita' ta' lamenteli da parte tal-konvenut, konsiderando l-ammont ta' xoghol pattwiet kienu zghar u ghalhekk ma ghandhu jsir ebda tnaqqis fl-ammont rikjest mis-socjeta' attrici, u dan l-ammont tas-sorte jinkludi kemm dak indikat fid-Dok. "JAX 2" (fol. 109) u wkoll *invoice*s ohra ta xoghol li sar fuq inkarigu tal-konvenut li sar fuq karozzi ohra, liema *invoice*s jinsabu esebit a fol. 7 sa 10 tal-process, li dwarhom qatt ma kien hemm ilment mill-konvenut u dan iwasslu ghall-ammont totali mitlub mis-socjeta' attrici.

"Illi pero' jinghad li jirrizulta li dwar l-ammont ta' Lm250 indikat fl-istess kont Dok. "JAX 1" bhala *"Carpeting and Tonneau Cover"* dan l-ammont thallas direttament lit-tapizzar Carmelo Abela mill-konvenut kif jirrizulta mir-ricevuta

datata 26 ta' Awissu 1998 (Dok. "JD 10" – fol. 120), ghalkemm kien imqabbad mis-socjeta' attrici, u allura tali ammont ghandu jitnaqqas mill-ammont ta' sorte li allura jwassal ghall-ammont ta' Lm2,350 ekwivalenti ghall-€5,474.03.

"Illi jidher li hemm ilment dwar id-dewmien sabiex il-karozza tissewwa u jirrizulta li din dahlet il-garaxx tal-attur *nomine* fi Frar 1991 u l-konvenut hadha f'Settembru 1993, u fuq dan il-konvenut jirrizulta li qed jitlob id-danni ghad-dewmien u dan ghaliex fl-istess skrittura hemm imnizzel li l-karozza kellha titlesta f'Gunju 1991; qam dibattitu ghaliex il-konvenut sostna fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2007 (fol. 284) li l-kliem fuq indikat fejn jinghad li *"Any date given for the completion of a particular job is only indicative and JAX Limited cannot hold themselves liable for any damage which the client might suffer of any delay due to circumstances beyond JAX Limited's control"* kien gie kancellat mill-attur stess (Dok. "JAX 1" – fol. 301) izda din il-Qorti ma taqbilx li dan kien il-kaz u dan peress li jirrizulta li meta gie esebit originarjament l-istess dokument fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 1994 (fol.108) dan il-kliem ma kienx ikkancellat, kif jidher ukoll minn kopja ohra tal-istess dokument esebita bhala parti minn Dok. "VGD 1" (fol. 296); jinghad ukoll li fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2003 huwa ma kien qabel mal-iskrittura Dok. "JAX 1" li meta kienet esebita ma kienx maqtugh dak il-kliem u kien biss fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2007 li l-konvenut ghall-ewwel darba semma li dan il-paragrafu kien gie maqtugh mill-attur u dan apparti l-fatt li jidher car li l-kulur tal-biro uzat sabiex jinqata' dan il-paragrafu huwa differenti minn dak uzat sabiex jaqta' l-paragrafi l-ohra u dan kif sewwa johrog mill-iskrittura stess a fol. 301 tal-process u wkoll hareg ukoll mill-istess kontro-ezami tal-11 ta' Lulju 2007 (a tergo fol. 284) fuq domandi li saru mid-difensur tal-attur li ghalihom il-konvenut irrisponda "ma nafx" u allura ma kellhomx risposta. Jigi nnutat ukoll li d-Dok. "JAX 1" – fol. 301 ipprezentat mill-konvenut tard hafna fil-kawza lanqas huwa ffirmat minnu, mentri l-istess Dok. "JAX 1" – fol. 108, li kif inghad kien ilu prezentat mit-18 ta' Ottubru 1994, huwa ffirmat miz-zewgt partijiet kif ammetta l-konvenut fis-seduta tas-7 ta' Frar 2008 (fol. 289).

"Illi f'dan l-istat tal-provi din il-Qorti thoss li kull dewmien sabiex il-karozza tissewwa ma kienx dovut ghall xi nuqqas tal-attur *nomine* izda minhabba n-natura tax-xoghol u c-cirkostanzi partikolari tal-kaz, mhux l-inqas l-attagament tal-konvenut anke f'dik li hija ghazla tat-tapezerija; fil-fatt il-konvenut qatt ma ghamel ilment fuq tali dewmien, tant li huwa ammetta li ghall-ewwel kien imur ta' spiss jara l-istess xoghol. Il-kredibilita' tal-konvenut (apparti dak li inghad fuq id-dokument Dok. "JAX 1" – fejn il-Qorti thoss li l-paragrafu hawn citat dwar z-zmien tax-xoghol gie kkancellat wara li gie ffirmat il-ftehim mill-partijiet) hija wkoll imminata bil-mod kif xehed ghaliex huwa sostna li kull ma ried ghall-ewwel mill-attur *nomine* huwa biss li *breaks*, meta jidher li x-xoghol fuq il-*breaks* kienet wahda mill-inqas affarijiet mertu ta' dan l-appalt (ara xhieda tal-konvenut – fol. 285 u *tergo* tal-istess) u

ghalhekk din il-Qorti thoss li wara li vvalutat ix-xhieda kollha tal-partijiet, dik tal-konvenut fuq dan il-punt certament ma hijiex kredibbli.

"Illi dwar l-istess skrittura bejn il-partijiet jirrizulta ghalhekk li kemm kawza tal-mod kif giet attwalment redatta u kif ukoll minhabba kif sviluppaw l-affarijiet, s-socjeta' attrici ma ghandha tigi kkundannata thallas l-ebda danni ghall-allegat dewmien, u din id-decizjoni qed titiehed fl-isfond ukoll tal-fatt li l-istess ftehim bejn il-partijiet jezimi lill-attur *nomine* minn kull responsabilita' ghat-terminu hemm indikat kemm il-darba tali dewmien ma kienx dovut ghall xi nuqqas tas-socjeta' attrici u kien *"delay due to circumstances beyond JAX Limited's control"* u dan apparti li d-data indikat hija biss indikattiva u allura mhux vinkolanti.

"Illi apparti minn dan saret vantazzjoni li minhabba dan id-dewmien l-konvenut soffra danni ghaliex kien jikri tali karozza ghat-tigijiet, izda prova dwar dan lanqas biss ingabhet tant li jidher li l-attur lanqas kellhu licenzja sabiex jikri l-istess karozza u jghid biss li kien jaghtiha lill-Ernest Gauci u dan kien juzaha huwa, izda din il-Qorti thoss li tenut kont tal-atti processwali kollha u l-provi prodotti mill-konvenut stess huwa ma issodisfax il-grad ta' prova imposta fuqhu li turi li huwa sofra xi dannu, lanqas dak vantat minnu, u fuq dan din il-Qorti thoss li fil-verita' li ma hemm prova ta' xejn u ghalhekk il-kontro-talba tal-konvenut, inkwantu hija bbazata fuq din il-pretensjoni wkoll qed tigi michuda.

"Illi ghalhekk abbazi ta' dak kollu hawn deciz, din il-Qorti thoss li t-talba attrici ghandha tigi milqugha fl-ammont ta' €5,474.03 ekwivalenti ghal Lm2,350 u minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kaz bl-imghax mid-data tas-17 ta' Marzu 1995 sal-effettiv pagament. Il-kontro-talba tal-konvenut qed tigi michuda ghaliex hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet.

"**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

"Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenut datata 3 ta' Marzu 1994 biss in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talba attrici fis-sens biss hawn deciz,** u b'dan illi:-

"2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames t'elef, erbgha' mija u sebgha u erbghin ewro u tlett centezmi (€5,474.03) ekwivalenti ghal elfejn tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm2,350) rapprezentanti l-bilanc minn somma akbar ghal xoghol li l-attur *nomine* ghamel u esegwixxa fl-interess u fuq istruzzjonijiet tal-konvenut fuq il-vetturi tieghu kollox kif deciz f'din is-sentenza.

"Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tas-17 ta' Marzu 1995 sal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

> "Illi dwar il-**kontro-talba tal-konvenut,** din il-Qorti ghall-istess motivi, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-attur datati 10 ta' Marzu 1994 ghall-kontra talba tal-konvenut in kwantu l-istess huma konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad il-kontro-talba tal-konvenut datata 3 ta' Marzu 1994 ghaliex hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.**
>
> "Bl-ispejjez tal-kontro-talba a karigu tal-konvenut."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut fejn talab li din il-Qorti tirrevoka u tbiddel is-sentenza msemmija billi tilqa' l-eccezzjonijiet tieghu u allura tichad it-talbiet attrici u fl-istess hin tilqa' t-talbiet rikonvenzjonali tieghu;

Rat ir-risposta tal-attur nomine li permezz taghha fil-waqt li opponiet ghat-talbiet tal-appellant, talbet li s-sentenza tigi konfermata;

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Gunju 2016 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati rispettivi trattaw l-appell billi ghamlu riferenza ghall-atti bil-miktub;

Ikkonsidrat;

**L-AGGRAVJI TAL-APPELLANT**

**L-ewwel aggravju** tal-appellant huwa illi ma nghatax dritt ta' smiegh xieraq ghaliex fl-udjenza tad-29 ta' Marzu 2011, il-Qorti halliet il-kawza ghas-

sentenza bil-fakoltà li l-partijiet jipprezentaw in-noti ta' sottomissjonijiet bil-visto reciproku. Gara pero` li s-socjetà attrici naqset li tipprezenta n-nota taghha bir-rizultat li l-appellant ma ipprezenta ebda nota; il-kawza giet deciza xorta wahda fid-data prefissa.

Dan l-aggravju ma tantx jisthoqqlu xi deliberazzjoni komplessa; il-konvenut seta' kif ammetta huwa stess fir-rikors tal-appell tieghu, jipprezenta n-nota tieghu xorta wahda. Wiehed ma jistennix argument bhal dan f'rikors ta' appell specjalment meta l-appellant jghid li huwa ma ghamilx dan ghax ma riedx li l-attur imbaghad ikollu opportunità jipprezenta nota ohra u jkollu l-ahhar kelma. Jekk dan kien il-kaz, din kienet decizjoni tieghu stess u ma jistax iwahhal f'hadd li ma inghatax opportunità jipprezenta s-sottomissjonijiet tieghu. Dan l-aggravju ghalhekk huwa michud.

**It-tieni aggravju** huwa li, fil-fehma tal-appellant, il-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti illi l-eccezzjonijiet tieghu kienu inkonsistenti kienet zbaljata.

F'dan l-aggravju l-appellant fil-prattika jsostni li ma sarx apprezzament tajjeb mill-ewwel Qorti tal-provi migbura quddiemha. Ghandu jinghad mill-ewwel li ghal appuntu dak li huwa apprezzament tal-fatti, din il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Phyliss Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) qalet li "*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni*

*ezercitata mill-ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti*". Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li "*Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor*".

Dan l-insenjament huwa segwit f'diversi sentenzi ohra bhal **Emanuel Cardona v. Dr Graham Busuttil,** Appell, 10 ta' Jannar 1995 u **Paul Formosa v. Salvu Debono**, Appell 5 ta' Ottubru 2001; madankollu "*Din il-Qorti pero' f'kaz tapprezza ukoll li d-dover taghha xorta huwa li tezamina sewwa l-provi imressqa u barra minn hekk, huwa ukoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja*". **Attard et v. Direttur tas Sahha,** Qorti tal-Appell, 31 ta' Mejju 2014.

Kif wiehed jista' jara mill-atti tal-kawza huwa minnu li l-appellant ha lura l-vettura tieghu meta l-kawza kienet gia` bdiet u dan wara intervent tal-perit tekniku. Jirrizulta wkoll li kien ghad hemm xi problemi fil-vettura – **mhux kollha tort tal-appellata kif spjegat fis-sentenza appellata** – li gew solvuti fil-mori tal-kawza u cioe` qabel mal-appellant ha lura l-pussess tal-

vettura. Madankollu indubbjament kif irrelata l-perit tekniku, il-problemi teknici li kien hemm gew effettivament solvuti u l-unika problema li kien baqa' u cioe` dik tas-*suspension* ma kenitx dovuta ghal xi nuqqas tal-appellat nomine. Ghalhekk f'dak l-istadju l-appellant ma setax jghid li x-xoghol fuq il-vettura *ma sarx skont l-arti u s-sengha* u allura ma kien hemm ebda raguni ghaliex ma jhallasx id-dovut.

Il-Qorti wkoll ma ghandha ebda dubbju li kwantu ghall-kwistjoni teknika hija ghandha tadotta l-opinjoni tal-espert nominat minnha ghaliex kif intqal fil-kawza **Giswarda Bugeja v. Emanuele Muscat et** (23 ta' Gunju 1967) "*ghalkemm il-Qorti mhux marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjonijiet taghha innifisha, u l-konkluzjonijiet peritali bhal materjali istruttorji ohrajn kontrollabbli mill-gudikant, madankollu 'il giudizio del'arte' espress mit-tekniku ma jistghux u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta lilha moghitja b'talba ta' nomina ta' periti addizjonali, jigi skartat facilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma fil-kumpless kollhu tac-cirkostanzi irragonevoli*". Bl-istess mod il-Qorti (Prim'Awla) ippronunzjat ruhha fil-kawza fl-ismijiet **Josephine Micallef v. Louis Zammit**, deciza fil-11 ta' Ottubru 2010 u ikkonfermata minn din il-Qorti fil-31 ta' Ottubru 2014, u aktar ricentement il-Qorti tal-Appell fil-kawzi fl-ismijiet **Kummissarju tal-Artijiet v. Mugliette et** deciza fit-28 ta' Marzu 2014 u **Giulia Curmi et v.**

**Guzeppi Schembri** deciza fl-24 ta' April 2015. Dak li inghad fir-rigward ta' perizji ta' periti arkitetti naturalment japplika ukoll ghal perizji ta' esperti ohra.

Din il-Qorti kif doveruz, ezaminat l-atti u fliet sewwa l-provi li ngabru u jidhrilha li l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni gusta fl-evalwazzjoni tal-provi li semghet. Certament ma irrizultawx lil din il-Qorti "*ragunijiet validi bizzejjed biex jitfghu dubbju ragonevoli fuq il-gustizzja tal-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti*" (**Formosa v. Debono – supra**). Din il-Qorti ma jkollix kif ikollha l-ewwel Qorti il-possibilità li tisma' l-provi hi izda hija Qorti ta' revizjoni. Kwindi hija l-ewwel Qorti li jkollha l-ahjar opportunità li tezamina u tiddeciedi dwar il-kredibilità tax-xhieda illi tisma' u dan japplika wkoll ghall-allegazzjoni tal-appellant li l-attur nomine kien thallas ghax-xoghol li ghamel. Fl-istess hin ukoll wiehed jifhem li kien hemm element ta' kontradizzjoni fl-eccezzjonijiet imsemmija u cioe` li l-appellant kien hallas dak dovut u li x-xoghol ma sarx skont l-arti u s-sengha. Fil-fatt irrizulta li l-hlas kien sar lill-persuna li ghamlet parti mix-xoghol u ghal dak ix-xoghol li kien ghamel hu.

Kif inghad ma hemmx lanqas dubbju li l-konvenut appellant dam zmien inoltrat biex ha lura l-vettura tieghu f'kondizzjoni tajba; izda dan ma jfissirx li finalment ix-xoghol ma sarx skont l-arti u s-sengha kif allega huwa stess ghalkemm seta' kellu ragun fil-bidu tal-kawza. Kawza bhal din trid tigi

deciza **iuxta allegata et probata** u skont ir-rizultanzi fattwali ippruvati (**Vol LXXIV – ii- 869**). Ghalhekk tenut kont ta' dan, il-Qorti ma setghetx tilqa' l-eccezzjonijiet tieghu kif intavolati ladarba l-problemi riskontrati gew rizolti. Dan anke b'applikazzjoni tar-regola tal-*jus superveniens*, u kwindi "*l-azzjoni illi qabel tkun difettuza tigi imsahha. Il-fondament ta' dan huwa precizament l-ekonomija tal-gudizzju u ta' l-ispejjes*". **(Vella v. Dr Galea – Vol XXXIII-i- 254)**. Ara ukoll fir-rigward is-sentenzi tal-Qorti tal-Appell (sede inferjuri) **Paul Azzopardi v. Maria Lourdes Sciberras –** 12 -2 1996 u tal-Qorti tal-Kummerc **David Clarke nomine v. Dr Marco Griscti nomine**.

Huwa minnu li kif inghad meta bdew il-proceduri il-vettura ma kienitx f'kundizzjoni li tigi mehuda lura mill-appellant, u allura f'dak l-istadju ghalhekk l-appellant seta' kellu xi gustifikazzjoni biex ma jhallasx l-ammont kollu dovut – madankollu tnehhi ghal xi problemi fil-brakes li gew rizolti fi ftit hin fil-prezenza tal-perit tekniku dan id-dewmien ma kienx dovut ghal xi nuqqasijiet da parti tas-socjeta` appellata.

Dan kollu dak li ghadu kif gie espost japplika ukoll ghal-**ahhar aggravju** u cioe` dak li l-appellant isejjah 'danni subiti minhabba xoghol difettuz u dewmien da parti tal-appellat'. Dan allura jirreferi ghall-kontro talba tieghu fejn qed jitlob id-danni ghar-ragunijiet imsemmija. Fuq dan l-aspett

imbaghad, din il-Qorti taqbel kompletament ma' dak li ntqal mill-ewwel Qorti u cioe` li l-appellant ma ressaq ebda prova konvincenti dwar id-danni li allega li sofra. Kif qalet il-Qorti (Prim'Awla) fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Muscat et v. Alfred Baldacchino et** deciza fit-8 ta' Jannar 2016, "*Il-Qorti hi tal-fehma li mhuwiex kompitu taghha li tillikwida d-danni sofferti u dana ghaliex l-fatt illi l-atturi naqsu li jipprovdu dokumentazzjoni apposita sabiex din il-Qorti tillikwidahom. Il-Qorti tillikwida d-danni arbitrio boni viri meta jkun impossibbli ghall-attur li jressaq il-provi precizi dwar l-entita' taghhom u mhux meta jonqos li jressaq il-provi dwarhom*".

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tiddeciedi l-appell billi tichdu u tikkonferma interament is-sentenza appellata – kompriz il-kap tal-ispejjez.

L-ispejjez tal-appell jithallsu wkoll mill-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df